**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 19 t'April 2018**

**Pulizija**

**Spettur Lara Butters**

**Vs**

**Emanuel Calleja**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Emanuel Calleja, bin carmel u Giuseppa xebba Bigeni, imwieled Birkirkara nhar it-22 t'Ottubru 1944, residenti gewwa Casa Casolani, Triq Sant' Andrija, Msida w detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 889045M;

Talli b'diversi atti maghmulin minnu, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, nhar it-22 ta' Jannar 2016 u s-snin ta' qabel din id-data, gewwa razzett tal-baqar tal-halib bin-numru tal-approvazzjoni D043 li jinsab fi Triq Sant' Andrija, Swatar:

1) Gieghel annimali (Bovini) isofru ugiegh, tbatija, jew dwejjaq minghajr bzonn;

2) Aktar talli bhala sid l-annimali jew li jaqbel li jzom l-annimali, ma kienx responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom;

3) Aktar talli naqas milli jiehu passi ragonevoli f'kull cirkostanza sabiex jizgura li l-htiegijiet ta' annimali li hu responsabbli ghalihom, jew li jaqbel li jiehu hsieb, jintlahqu hekk kif mehtieg bi prattici tajba sabiex tigi zgurata s-sahha u l-benesseri tal-annimal;

4) Aktar talli naqas milli jiehu passi ragonevoli sabiex kull annimal li jkun jidher li hu marid jew korrut ried ikun imdewwi sew minghajr dewmien u, fejn annimal ma jirrispondix ghal din il-kura ried jinkiseb parir veterinarju mill-aktar fis possibbli;

5) Aktar talli naqas milli jzomm record ta' kull kura medika moghtija, liema records ghandhom jinzammu ghal perjodu ta' mill-anqas tlitt snin u ghandhom ikunu disponibbli ghas-Servizz Veterinarju meta jwettaq spezzjoni jew meta b'xi mod ikun mitlub;

6) Aktar talli naqas milli jipprovdi moviment hieles ta' annimali, liema moviment kien ristrett b'mod li jikkawza tbatija jew korriment bla bzonn;

7) Aktar talli naqas milli juza materjali tal-bini u akkomodazzjoni xierqa u li m'humiex ta' periklu ghall-annimali, u b'mod partikolari ghall-bini ta' mqawel, u tghamir li mieghu l-annimali jistghu jigu f'kuntatt, ma jridux ikunu ta' hsara ghall-annimali u jridu jkunu maghmula b'mod biex jitnaddfu u jkunu disinfettati tajjeb;

8) Aktar talli naqas milli jipprovdi akkomodazzjoni u fittings ghall-gheluq ta' l-annimali li ghandhom ikunu mibnija u mizmuma b'mod li ma jkunx hemm truf li jaqtghu jew ponot li ghandhom mnejn ikorru lill-annimali;

9) Aktar talli zamm annimali fi dlam permanenti jew minghajr perjodu xieraq ta' mistrieh minn dawl artificjali u liema dawl artificjali ma kienx xieraq;

10) Aktar talli naqas milli jiprovdi lill-annimali protezzjoni minn kondizzjonijiet hziena tat-temp predaturi u riskji ghal sahhithom;

11) Aktar talli naqas milli jiprovdi dieta sustanzjata li tkun xerqa ghall-eta' u l-ispeci tal-annimali u li tinghatalhom fi kwantita' bizzejjed biex izzommhom f'sahhithom u tissodisfa l-bzonnijiet nutrittivi taghhom;

12) Il-Qorti hija mitluba li taghti l-piena ai termini tal-Artikolu 45 tal-Kap 439, l-Att Dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, kif ukoll ai termini tar-regolament 8 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 439.09, Regolamenti tal-2003 dwar il-protezzjoni tal-Annimali mizmuma ghal ragunijiet tal-Agrikoltura.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi mill-provi prodotti irrizulta ampjament ippruvat li l-imputat kien qed izomm diversi bhejjem rurali fi stat hazin. Gew prodotti diversi xhieda tal-Prosekuzzjoni mid-dipartiment tal-veterinarji u tal-harsien tal-annimali, kif ukoll rapporti ta’ spezzjonijiet u ritratti tar-razzett tal-imputat, fejn kien jidher l-istat li fih kienu qed jinzammu dawn il-bhejjem. Mill-istess dokumenti jirrisulta wkoll li kienet inghatat aktar minn twissija wahda sabiex is-sitwazzjoni taz-zamma tal-annimali indikati titjieb, izda ma sar ebda kambjament f’dan is-sens, u ghalhekk id-dipartiment mexxa dawn il-proceduri kontra l-imputat. Il-provi tal-Prosekuzzjoni ma gew kontradetti b’ebda mod, u ghalhekk il-Qorti m’ghandha ebda esitazzjoni li ssib htija fl-imputat ghar-reati in kwistjoni.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 7, 8(2), 8(3), 8(4), tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll ir-Regolamenti 4, 5, 6, 7, 8, 9, 11, 12 u 14 tal-LS 439.09 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha b’multa ta’ tlitt elef euro (€3,000).

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**